MINUTI

REGJUN CENTRALI

LAQGHA NUMRU 16

28 t'Ottubru 2011

Il-kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida fl-indirizz Pjazza Menqa Msida fis-6.30pm.

**Prezenti**

President tar-Regjun Dr. Malcolm Mifsud, Is-Sur Peter Bonello Sindku San Giljan, Is-Sur Horace Anastasi Sindku Santa Venera, Is-Sur Michael Fenech Adami Sindku Birkirkara, Mrs. Antoinette Vassallo Sidnkun Ta' Xbiex, Dr. John Zammit Montebello Sindku Balzan, Ms. Margaret Baldacchino Vici-Sindku Msida, Is-Sur Joe Camilleri Vici-Sindku Gzira, Is-Sur Stefan Cordina Sindku Attard, Ms. Magda Magri Naudi Vici-Sindku Lija, Is-Sur David Soler Authorised Officer u Is-Sur Samuel Herd Segretarju Ezekuttiv.

**Assenti minghajr raguni**

Kunsilli – Iklin, San Gwann, Sliema

**Agenda**

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Approvazzjoni tas-skeda tal-pagamenti
3. Korrispondenza
4. Update u diskussjoni dwar LES
5. Rikjesta ghal kiri ta' garagg iehor sabiex jinzammu fih ir-rekords ta' Tribunal
6. Servizz tal-Group 4
7. Xiri t'apparat u ghamara ghall ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv
8. Xiri tas-Sage
9. Tenders tal-Accountant u Mechanical Engineer

**Approvazzjoni tal-minuti**

1. l-minuti tal-laqgha numru 15 gew approvati unanimament u sekondati min Ms. Margaret Baldacchino. Pero' kien kien hemm zewg talbiet ta' korrezzjoni.

1.1 Is-Sur Joe Camilleri qal li kien talab li l-minuti tal-laqghat jibdew jigu rrekordjati. Din it-talba ma kienetx giet milqghuwa.

1.2 Ms. Antoinette Vassallo qalet li ma kienetx waslet meta l-minuti gew approvati. Ms. Margaret Baldacchino accettat li tissekonda l-minuti.

**Skeda tal-pagamenti**

2. L-Iskeda giet approvata u sekondata mis-Sur Stefan Cordina, bl-eccezzjoni tal-pagament numru 5 fl-iskeda, li dwaru ghandhom isiru xi klarifikazzjonijiet.

**Korrispondenza**

3.1 Ittra nru. 9: Tahrika tas-sal-kawza bejn Aurelia Enforcement ltd u Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, Regjun Centrali u Bord ta' Revizjoni dwar il-kuntratti Pubblici.

3.2 Ittra nru.10: Talba ghal revokazzjoni ta' kontravenzjoni dwar vettura uzata mill-kunsill lokali ta H'Attard.

Mozzjoni

Is-Sindku ta' H'Attard is-Sur Stefan Cordina sostna li din il-kontravenzjoni ghandha tigi rtirata, peres li l-haddiema nvoluti kienu fuq xoghol tal-kunsill u ma setghawx jghaddu min triq ohra, u dan kien kaz izolat. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

**Update u diskussjoni dwcar LES**

4.1 Is-Sur David Soler pprezenta r-rapporti ta' kull xahar dwar l-operat tal-gwardjani lokali ta' dan ir-Regjun. Dr. Malcolm Mifsud enfazizza li r-rapport dwar kemm kien hemm kontravenzjonijiet fi toroq tal-lokalitajiet ghandu jigi analizatt sew min kull kunsill. L-informazzjoni li tohrog minnu ghax tghin tivverifika jekk it-toroq humiex qeghdin jigu ssorveljati kif suppost.

4.2 Wara diskussjoni generali gie deciz li ma jsirx l-ebda self minghand il-Kumitati Kongunti rigward l-LES.

4.3 Is-Sur Peter Bonello qal li s-sorveljanza tar-rotot u l-gwardjani lokali ghandha tithalla f'idejn is-Sur David Soler ghaliex huwa l-aktar persuna adattata li jara li l-operat qieghed jithaddem kif suppost.

4.3 Is-Sur Stefan Cordina ghamel talba li kamera tigi mppoggija f'post iehor fl-istess lokalita. Din it-talba giet milqghuwa.

Dr. John Zammit Montebello dahal ghal laqgha waqt id-diskussjoni dwar LES fis-7.25pm.

Is-Sur Peter Bonello talab li jigi skuzat ghax kellu impenn iehor u telaq fis-7.45pm

**.Rikjesta ghal kiri ta' garagg iehor sabiex jinzammu fih ir-rekords tat-Tribunal**

5. Is-Sur David Soler qal li l-garagg li qed jintuza bhallissa ntela kollu, u ghalhekk qeda ssir din it-talba. Kien hemm diskussjoni, jekk dokumenti ta' ghaxar snin ilu, jistawx jigu meqruda.

Ghandha ssir laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, halli jekk possibli johrog avvizz legali li jikkonferma l-perjodu ta' zmien kemm ir-rekords iridu jigu mizmuma.

**Servizz tal-Group 4**

6. Mozzjoni

Il-kumitat japprova li l-Group 4 jibda jipprovdi s-servizz sabiex l-flus kontanti u cekkijiet jibdew jigu depozitati il-bank.

**Xiri t'apparat u ghamara ghall l-ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv**

7. Mozzjoni

Il-kumitat japprova li tinxtara mejda u siggu minghand l-Atrium, computer minghand Techstore u kiri ta' photocopier/printer minghand Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd.

l-Sur Michael Fenech Adami talab li jigi skuzat u telaq fis-7.55pm.

**Xiri tas-Sage**

8. Mozzjoni

Il-kumitat japprova li jinxtara s-software tas-Sage minghand Information Technology Services Ltd.

**Tenders tal-Accountant u Mechanical Engineer**

9. Is-Sur Samuel Herd informa lill-kumitat li peres dawn huma urgenti, d-dati ta' sottomissjonijiet se jkunu bejn il-11 ta' Novembru u it-2 ta' Dicembru 2011.

Il-laqgha spiccat fi 8.05pm. Id-data u l-hin tal-laqgha li jmiss jigu kkomunikati aktar il-quddiem.

Samuel Herd
Segretarju Ezekuttiv

Dr. Malcolm Mifsud
President